**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**IL-PULIZIJIA**

**(Spt. Elliot Magro)**

**Vs**

**Darren Said**

**(ID 009689M)**

**Illum is-7 ta' Marzu 2022**

**Kaz. Nru; 184-15**

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Darren Said**, bin Garry u Josephine nee' Spiteri, mwieled il-Pieta', nhar is-26 ta' Dicembru, 1988, residenti fil-fond bl-isem Ashira, Triq Patri Wistin Born, Marsaskala, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 009689M, bhala sid is-socjeta' Frutti di Mare Limited, kif ukoll bhala d-Direttur tas-socjeta' Frutti di Mare Limited (C20089), li tinsab f'Ta Maggi Zona Industrijali, Haz-Zabbar, akkuzat talli;

Fit-30 ta' April, 2019, u fil-granet ta' qabel, f'dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmula minnu, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Lil Darren Said, identifikat bhala s-sid tas-socjeta' Frutti di Mare Limited u d-Diretturi tas-socjeta' Frutti di Mare Limited, talli naqsu milli jottemperaw mal-obbligi taghhom taht l-Artikolu 39(1) tar-Regolament (KE) tal-1005/2008, u dan ghaliex wettqu negozju marbut ma' sajd illegali, mhux irraportat, u mhux irregolat (IUU) meta s-socjeta' Frutti di Mare Limited instabet li zammet il-prodotti tas-sajd (Bluefin Tuna) li rrizultaw minn attivitajiet tas-sajd li ma gewx irrapportati lid-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura, u ghalhekk huma prodotti ta' sajd IUU, bi ksur tal-L.S. 425.08, u liema ksur jikkostitwixxi reat ta' xorta gravi skond id-dispozizzjonijiet tal-L.S. 425.08 u precizament ir-regoli 3 u 4(2) tal-imsemmija Ordni;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, lil Darren Said, identifikat bhala sid is-socjeta' Frutti di Mare Limited, u d-Diretturi tas-socjeta' Frutti di Mare Limited, talli naqsu milli jottemperaw mal-obbligi taghhom taht il-paragrafu 3 tar-Rakkomandazzjoni 18-13 tal-ICCAT, u dana fir-rigward ta' nuqqasijiet mill-obbligu li jitlob li kull Bluefin Tuna ghandha jkollha maghha l-identifikazzjoni necessarja, cioe', l-Bluefin Tuna Catch Document (BCD), bi ksur tal-L.S. 425.08, u liema ksur jikkostitwixxi reat ta' xorta gravi skond id-dispozizzjonijiet tal-L.S. 425.08 u precizament ir-regoli 3 u 4(2) tal-imsemmi Ordni, u dan ghaliex hemm ragunijiet fondati biex tikkonkludi li Darren Said, identifikat bhala sid is-socjeta' Frutti di Mare Limited u d-Direttur tas-socjeta' Frutti di Mare Limited, naqas milli jipprovdi l-imsemmija BCD skond id-dispozizzjonijiet tar-Rakkomandazzjoni 18-13 tal-ICCAT u L.S. 425.08;
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, lil Darren Said, identifikat bhala sid is-socjeta' Frutti di Mare Limited u d-Diretturi tas-socjeta' Frutti di Mare Limited, talli naqsu milli jottemperaw mal-obbligi taghhom taht il-paragrafu 3 tar-Rakkomandazzjoni 17-07 tal-ICCAT, u dana fir-rigward ta' nuqqasijiet mill-obbligu li jitlob li l-awtoritajiet tas-sajd ikunu nformati b'ton li jokkorri mill-operat ta' koltivazzjoni (harvesting operation) sabiex dan jigi spezzjonat kif xieraq mill-awtoritajiet, bi ksur tal-L.S. 425.08 u liema ksur jikkostitwixxi reat ta' xorta gravi skond id-dispozizzjonijiet tal-L.S. 425.08 u precizament ir-regoli 3 u 4(2) tal-imsemmi Ordni, u dan ghaliex hemm ragunijiet fondati biex tikkonkludi li Darren Said, identifikat bhala sid is-socjeta' Frutti di Mare Limited, u d-Diretturi tas-socjeta' Frutti di Mare Limited, naqsu milli jipprovdu l-imsemmija nformazzjoni lill-awtoritajiet Maltin skond id-dispozizzjonijiet tar-Rakkomandazzjoni 17-07 tal-ICCAT u bi ksur tal-L.S. 425.08;
4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, lil Darren Said, identifikat bhala sid is-socjeta' Frutti di Mare Limited, u d-Diretturi tas-socjeta' Frutti di Mare Limited, talli naqsu milli jottemperaw mal-obbligi taghhom taht il-paragrafu (1) u (2) tal-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) numru 1224/2009, u dan fir-rigward ta' nuqqasijiet mill-obbligi li ma jzommux prodotti tas-sajd u l-akkwakultura mqieghda fis-suq jew li x'aktarx ikunu ser jitqieghdu fis-suq fil-komunita' minghajr tikkettjar adegwat biex tkun zgurata t-traccabilita' ta' kull lott, bi ksur tal-L.S. 425.08 u precizament ir-regoli 3 u 4(6) tal-imsemmi Ordni;
5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, lil Darren Said, identifikat bhala sid is-socjeta' Frutti di Mare Limited, u d-Diretturi tas-socjeta' Frutti di Mare Limited, talli, bi ksur tal-paragrafu 4 tal-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) numru 1224/2009, naqsu milli josservaw l-obbligu li jkollhom fis-sehh sistemi u proceduri ta' identifikazzjoni ta'

kwalunkwe operatur li jkun fornihom b'lottijiet tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura u li lilu jkunu gew fornuti dawn il-prodotti. Darren Said, bhala sid is-socjeta' Frutti di Mare Limited u d-Diretturi tas-socjeta' Frutti di Mare Limited, naqsu milli jaghmlu din l-informazzjoni disponibbli lill-awtoritajiet Maltin, cioe', lill-Ufficjali ghat-Tharis tas-Sajd u Akkwakultura, rigwardanti l-imsemmija Bluefin Tuna llegali, u dan bi ksur tal-L.S. 425.08 u precizament ir-regoli 3 u 4(6) tal-imsemmi Ordni;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, lil Darren Said, identifikat bhala sid is-socjeta' Frutti di Mare Limited, u d-Diretturi tas-socjeta' Frutti di Mare Limited, talli naqsu milli jottemperaw mal-obbligi taghhom taht il-paragrafu 6 u 5(g)(h) tal-Artikolu 58 tar-Regolament (KE) numru 1224/2009, u dana fir-rigward ta' nuqqasijiet mill-obbligi tar-rekwiziti minimi tat-tikkettar u tal-informazzjoni ghal lottijiet kollha tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura, li ghandhom jinkludu l-isem kummercjali, l-isem xjentifiku, z-zona geografika rilevanti, u l-metodu ta' produzzjoni, u jekk il-prodotti tas-sajd gewx iffrizati qabel jew le, bi ksur tal-L.S. 425.08 u precizament ir-regoli 3 u 4(6) tal-imsemmi Ordni;
7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, lil Darren Said, identifikat bhala sid is-socjeta' Frutti di Mare Limited, u d-Diretturi tas-socjeta' Frutti di Mare Limited, talli naqsu milli jottemperaw mal-obbligi taghhom taht ir-Regolament 23 tal-L.S. 425.02, u dana fir-rigward ta' nuqqasijit mill-obbligu li bejjiegh bl-imnut ma jistax jixtri jew jikseb b'xi mod iehor hut bl-ingrossa (wholesale) hlief minghand il-pitkal bil-licenzja, bi ksur tal-L.S. 425.02 u precizament ir-regoli 41 u 42 tal-imsemmija Ordni;
8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, lil Darren Said, identifikat bhala sid is-socjeta' Frutti di Mare Limited, u d-Diretturi tas-socjeta' Frutti di Mare Limited, talli naqas milli jottempera mal-obbligi tieghu taht ir-Regolament 24 tal-L.S. 425.02, u dana fir-rigward ta' nuqqasijiet mill-obbligu li bejjiegh bl-imnut ma jista' la jixtri hut minghand bejjiegh bl-imnut iehor u lanqas ibieghlu hut, bi ksur tal-L.S. 425.02 u precizament ir-Regolamenti 41 u 43 tal-imsemmija Ordni;
9. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, lil Darren Said, identifikat bhala sid is-socjeta' Frutti di Mare Limited, u d-Diretturi tas-socjeta' Frutti di Mare Limited, talli naqas milli jottempera mal-obbligi tieghu taht ir-Regolament 30 tal-L.S. 425.02, u dana fir-rigward ta' nuqqasijiet mill-obbligu li bejjiegh bl-imnut ghandu jiehu mieghu l-vouchers tal-bejgh ta' kull hut li jkun qed joffri ghall-bejgh u ghandu jipprezenta dawn il-vouchers, meta jigi mitlub, lil kull Ufficjal tas-Sajd jew lil kull membru tal-Pulizija, bi ksur tal-L.S. 425.02 u precizament ir-Regolamenti 41 u 42 tal-imsemmija Ordni;

10. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, lil Darren Said, identifikat bhala sid is-socjeta' Frutti di Mare Limited, u d-Diretturi tas-socjeta' Frutti di Mare Limited, talli naqas milli jottempera mal-Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana fir-rigward tal-fatt li s-socjeta' Frutti di Mare Limited, xjentement laqghu ghandhom hwejjeg (Blue Fin Tuna) li kienu akkwistati b'reat u xjentement indahlu sabiex ibieghhom jew imexxuhom bi ksur tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta precizament l-Artikolu 334 ta' Ricetazzjoni.

Il-Qorti giet mitluba sabiex skond l-Artikolu 30(2) tal-Kap. 425 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tal-prodotti tas-sajd.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti ezebieti fl-atti processwali odjerni inkluz id-Digriet tal-Assenjazzjoni tal-Kawzi u Doveri datat it-28 ta' Lulju 2021;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-qua imputat il-prosekuzzjoni ressqet ix-xhieda ta' Mark Gauci Piscopo, Kurt Pisani u Daniel Briffa, kollha ufficjali fi hdan id-dipartiment tas-Sajd. Mill-provi jirrizulta li dakinhar tal-ispezzjonijiet, fit-30 ta' April tas-sena 2019, kienu saru zewg spezzjonijiet wiehed fil-garaxxijiet ta' Maggi gewwa x-Xghajra u l-iehor f'hanut gewwa Haz-Zabbar. Fil-hanut gewwa Haz-Zabbar ma nstab xejn irregolari. Madanakollu, meta saret tfittxija fil-garaxxijiet ta' Maggi gewwa x-Xghajra setgha jigi nnuttat li kien hemm zewgt garaxxijiet biswiet xulxin. F'wiehed minn dawn il-graxxijiet fejn kien hemm il-cold room, instab crate tal-pallets mimli b'bicciet tat-tonn – Bluefinn Tuna. X'hin gie mcaqqlaq dan it-tonn setghet tigi nnotata qasma fil-hajt li wassal lill-ufficjali sabiex jindunaw li kien hemm kamra zghira ohra wara hajt falz. F'din il-kamra instab il-belly tat-tonn frisk. Fir-rigward ta' dan it-tonn li gie rrintracat fil-kamra wara l-hajt falz ma gewipprezentati qatt id-dokumenti ta' traccibilita' hekk kif tirrikjedi l-ligi. B'kollox jidher li nstab madwar 1.2 tons ta' tonn. Mistoqsi jekk fuq il-garaxxijiet in kwistjoni kienx hemm xi indikazzjoni ta' isem partikolari x-xhud Mark Gauci Piscopo wiegeb li ma jiftakarx. Mistoqsi hekk ivverifikax li l-qua imputat huwiex

is-sid tal-plant, Piscopo wiegeb "iva rajna l-karta tal-identita' u anke l-ownership tal-kumpanija".

Illi in difesa l-imputat ha minn jeddu l-pedana tax-xhieda fejn xehed dwar l-ispezzjoni li saret, id-diffikultajiet li affaccja in segwietu ghal dina l-ispezzjoni. Spjega li d-dokumentazzjoni relatata ma dan it-tonn ma kinitx immedjatament accessibli ghalih u fil-fatt kien talab lill-istess spetturi sabiex ituh ftit zmien bil-ghan li jkun jista' jipproduci l-istess.

**Ikkunsidrat ulterjorament:**

Illi l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tal-qua imputat gew hekk dedotti fil-kapacita' tieghu ta' sid tas-socjeta' Frutti di Mare Ltd kif ukoll bhala Direttur tas-socjeta' Frutti di Mare Ltd (C20089). Illi mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni ma tirrizulta l-ebda prova sal-grad rikjest mill-ligi li l-qua imputat kien effettivament is-sid jew direttur tas-socjeta' Frutti di Mare Ltd. Ix-xhud Mark Gauci Piscopo spjega li huwa kkonferma dan anke tramite l-ownership tal-kumpanija, madanakollu dina l-prova ma giet qatt imressqa quddiem dina l-Qorti. Fil-fatt jirrizulta li ma tressaq qatt rapprezentant tal-Malta Business Registry bil-ghan li jixhed f'dan ir-rigward. F'dan ir-rigward mill-atti processwali ma jirrizultax li kien hemm xi ezenzjoni mid-difiza sabiex dan ix-xhud ma jigiex prodott. Il-qua imputat minkejja li ha l-pedana tax-xhieda u xehed dwar l-imsemmija spezzjoni kif ukoll il-konsegwenzi ta' wara l-ispezzjoni madanakollu fl-ebda hin ma kkonferma li huwa s-sid jew inkella d-direttur tal-imsemmija socjeta'. Gewipprezentati ukoll l-ircevuti relatati mas-sekwestru tat-tonn iffirmati mill-qua imputat. Madanakollu dawn il-provi, fil-fehma ta dina l-Qorti ma humiex sufficjenti sabiex jigi pruvat li l-qua imputat effettivament huwa is-sid tal-imsemmi garaxx fejn instab t-tonn in kwistjoni jew inkella d-direttur tal-kumpanija Frutti di Mare Ltd. Dina l-Qorti ma tista' qatt tistrieh fuq assunzjoni li galadarba l-qua imputat ghadda mill-esperjenzi li ghadda jew galadarba iffirma s-*seizure notes* isegwi li huwa effettivament is-sid u/jew direttur tal-imsemmija socjeta'. Dina hija prova li l-prosekuzzjoni kienet tenuta li tressaq, li baqghet qatt ma tressqet fil-proceduri odjerni.

**Decide**

Ghal dawn il-mottivi, dina l-Qorti qed tillibera lill-qua imputat Darren Said mill-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia Dep.Reg.